32005R0241

12.2.2005 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 42/11

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 241/2005

tal-11 ta' Frar 2005

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 747/2001 rigward il-kwoti tat-tariffi tal-Komunità għal ċerti prodotti li joriġinaw mill-Iżrael

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 747/2001 tad-9 ta' April 2001 li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' tariffa ta' kwoti tal-Komunità u ta' kwantitajiet ta' referenza għall-prodotti eliġibbli għal preferenzi bis-saħħa ta' ftehim ma' ċerti pajjiżi tal-Mediterran u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1981/94 u (KE) Nru 934/95[1], partikolarment l-Artikolu 5(1)(b) tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tal-31 ta' Jannar 2005[2], il-Kunsill awtorizza l-iffirmar u pprovda għall-applikazzjoni provviżorja mill-1 ta' Mejju 2004 ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra, sabiex tkun ikkunsidrata l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Ungerija, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja, u tar-Repubblika Slovakka fl-Unjoni Ewropea

(2) Dan il-Protokoll jipprovdi għal kwoti tat-tariffi ġodda kif ukoll għall-bidliet fil-kwoti tat-tariffi eżistenti li ġew stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 747/2001.

(3) Sabiex jiġu implimentati l-kwoti tat-tariffi l-ġodda kif ukoll il-bidliet fil-kwoti tat-tariffi eżistenti, huwa meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 747/2001.

(4) Għas-sena 2004 il-volumi tal-kwoti tat-tariffi l-ġodda kif ukoll iż-żjidiet fil-volumi tal-kwoti tat-tariffi eżistenti għandhom jiġu kkalkulati bħala *pro rata* tal-volumi bażiċi

[1] ĠU L 109, 19.4.2001, p. 2. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2279/2004 (ĠU L 396, 31.12.2004, p. 38).

[2] Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

speċifikati fil-Protokoll, filwaqt li tiġi kkunsidrata l-parti tal-perjodu li għadda qabel l-1 ta' Mejju 2004.

(5) Sabiex tkun faċilitata l-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tat-tariffi eżistenti previsti fir-Regolament (KE) Nru 747/2001, il-kwantitajiet impurtati fi ħdan il-qafas ta' dawk il-kwoti għandhom jiġu kkunsidrati sabiex jiġu applikati l-kwoti tat-tariffi miftuħa b'mod konformi mar-Regolament (KE) Nru 747/2001, kif emendat b'dan ir-Regolament.

(6) Peress li l-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju bejn l-UE u l-Iżrael japplika fuq bażi provviżorja mill-1 ta' Mejju 2004, dan ir-Regolament għandu japplika mill-istess data u għandu jidħol fis-seħħ kemm jista' jkun malajr.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness VII għar-Regolament (KE) Nru 747/2001 qed jiġi emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-kwantitajiet li, skont ir-Regolament (KE) Nru 747/2001, tpoġġew f'ċirkulazzjoni ħielsa fil-Komunità minn mindu daħlu fis-seħħ il-perjodi tal-kwota, u li fl-1 ta' Mejju 2004 ikunu għadhom miftuħa fi ħdan il-kwoti tat-tariffi bl-ordnijiet numri 09.1303, 09.1306, 09.1310, 09.1318, 09.1329, 09.1352 u 09.1360, għandhom, meta jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament, jiġu kkunsidrati sabiex jiġu applikati l-kwoti tat-tariffa rispettivi stabbiliti fl-Anness VII għar-Regolament (KE) No 747/2001, kif emendat b'dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Mejju 2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Frar 2005.

Għall-Kummissjoni
Günter VERHEUGEN

Viċi President

ANNESS

Fl-Anness VII għar-Regolament (KE) Nru 747/2001, it-tabella stabbilita fil-Parti A tiġi emendata kif ġej:

(1). jiżdiedu r-ringieli l-ġodda li ġejjin:

09.1361	0105 12 00		Dundjani ħajjin, li jiżnu mhux iktar minn 185 g	mill-1.5 sal-31.12.2004 mill-1.1 sal-31.12.2005 mill-1.1 sal-31.12.2006 mill-1.1 sal-31.12.2007 u għal kull perjodu minn hemm 'il quddiem mill-1.1 sal-31.12	79 653 biċċa 122 960 biċċa 126 440 biċċa 129 920 biċċa	Eżenzjoni
09.1362	0407 00		Bajd tal-għasafar, fil-qoxra, frisk, ippreżervat jew imsajjar	mill-1.5 sal-31.12.2004 mill-1.1 sal-31.12.2005 mill-1.1 sal-31.12.2006 mill-1.1 sal-31.12.2007 u għal kull perjodu minn hemm 'il quddiem mill-1.1 sal-31.12	357 067 biċċa 551 200 biċċa 566 800 biċċa 582 400 biċċa	Eżenzjoni
09.1363	0604 99 90		Weraq miżbugħ, ibbliċjat, imdakkar jew ippreparat mod ieħor, friegħi u partijiet oħra tal-pjanti, mingħajr fjuri jew blanzuni tal-fjuri, ħaxix, għall-bukketti jew għal għanijiet ornamentali	mill-1.5 sal-31.12.2004 mill-1.1 sal-31.12.2005 mill-1.1 sal-31.12.2006 mill-1.1 sal-31.12.2007 u għal kull perjodu minn hemm 'il	6.87 10.6 10.9 11.2	Eżenzjoni

				quddiem mill-1.1 sal-31.12		
09.1364	0701 90 50		Patata ġdida, friska jew imkessħa	mill-1.5 sat-30.6.2004 mill-1.1 sat-30.6.2005 mill-1.1 sal-30.6.2006 mill-1.1 sat-30.6.2007 u għal kull perjodu minn hemm 'il quddiem mill-1.1 sat-30.6	103 318 327 336	Eżenzjoni
09.1365	ex 2004 90 98	12 19 30 80	Ħxejjex u taħlitiet ta' ħxejjex oħra, ippreparati jew ippreżervati mod ieħor ħlief bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, iffriżati, għajr il-prodotti tal-intestatura 2006, għajr il-krafes jew il-karrotti	mill-1.5 sal-31.12.2004 mill-1.1 sal-31.12.2005 mill-1.1 sal-31.12.2006 mill-1.1 sal-31.12.2007 u għal kull perjodu minn hemm 'il quddiem mill-1.1 sal-31.12	103 159 163.5 168	Eżenzjoni
09.1366	2009 80 89		Ġulepp ieħor ta' kwalunkwe frott jew ħaxix waħdu, ta' valur Brix ta' mhux iżjed minn 67, ta' valur ta' mhux aktar minn EUR 30 għal kull 100 kg piż nett, b'kontenut ta' zokkor miżjud ta' mhux iktar minn 30 % skont il-piż, għajr il-ġulepp tal-lanġas jew ġuleppi ta' frott tropikali	mill-1.5 sal-31.12.2004 mill-1.1 sal-31.12.2005 mill-1.1 sal-31.12.2006 mill-1.1 sal-31.12.2007 u għal kull perjodu minn hemm 'il quddiem mill-1.1 sal-31.12	240.33 371 381.5 392	Eżenzjoni

(2). Ir-ringieli għall-kwoti tat-tariffa għall-ordnijiet Numri 09.1306, 09.1303, 09.1310, 09.1318, 09.1329, 09.1360 u 09.1352 jiġu mibdula, rispettivament, bir-ringieli li ġejjin:

09.1306	0603 10		Fjuri maqtugħa friski u blanzuni tal-fjuri ta' tip li jkunu adattati għall-bukketti u għanijiet ornamentali	mill-1.1 sal-31.12.2004	20 085 + żjieda ta' 206 tunnellata piż nett mill-1.5 sal-31.12.2004	Eżenzjoni
				mill-1.1 sal-31.12.2005	20 988	
				mill-1.1 sal-31.12.2006	21 582	
				mill-1.1 sal-31.12.2007 u għal kull perjodu minn hemm 'il quddiem mill-1.1 sal-31.12	22 176	
09.1303	0709 60 10		Bżar ħelu, frisk jew imkessaħ	mill-1.1 sal-31.12.2004	15 450 + żjieda ta' 274.67 tunnellata piż nett mill-1.5 sal-31.12.2004	Eżenzjoni
				mill-1.1 sal-31.12.2005	16 324	
				mill-1.1 sal-31.12.2006	16 786	
				mill-1.1 sal-31.12.2007 u għal kull perjodu min hemm 'il quddiem mill-1.1 sal-31.12	17 248	
09.1310	0709 90 60		Qamħirrun ħelu, frisk jew imkessaħ	mill-1.1 sal-31.12	1 500 (1)	Eżenzjoni
09.1318	0712 90 50		Karrotti mnixxfin, sħaħ, imqattgħin, flieli, biċċiet jew trab, iżda mhux preparati aktar	mill-1.1 sal-31.12.2004	103 + żjieda ta' 54.93 tunnellata piż nett	Eżenzjoni

					mill-1.5 sal-31.12.2004	
	0712 90 90		Ħxejjex oħra mnixxfin u taħlitiet ta' ħxejjex, sħaħ, imqattgħin, flieli, biċċiet jew trab, iżda mhux preparati aktar	mill-1.1 sal-31.12.2005	190.8	
	0910 40 19		Sagħtar mgħaffeġ jew mitħun	mill-1.1 sal-31.12.2006	196.2	
	0910 40 90		Weraq tar-rand	mill-1.1 sal-31.12.2007 u għal kull perjodu mill-1.1 sal-31.12	201.6	
	0910 91 90		Taħlitiet mgħaffġa jew mitħuna ta' tipi differenti ta' ħwawar			
	0910 99 99		Ħwawar oħrajn mgħaffġa jew mitħuna			
09.1329	0807 19 00		Bettieħ ieħor, frisk	mill-1.11.2003 sal-31.5.2004	11 400 + żjieda ta' 14.29 tunnellata piż nett mill-1.5 sal-31.5.2004	Eżenzjoni
				mill-15.9.2004 sal-31.5.2005	11 845	
				mill-15.9.2005 sal-31.5.2006	12 190	
				mill-15.9.2006 sal-31.5.2007	12 535	
				mill-15.9.2007 sal-31.5.2008 u għal kull perjodu minn hemm 'il quddiem mill-15.9 sal-31.5	12 880	
09.1360	ex 2009 90 59	30	Taħlitiet ta' ġuleppi tal-frott taċ-ċitru ma' ġuleppi tropikali u taħlitiet ta' ġuleppi tal-frott taċ-ċitru, ta' valur Brix ta' mhux iktar minn 67, ta' valur ta' mhux iktar minn EUR 30 għal kull	mill-1.1 sal-31.12.2004	1 545 + żjieda ta' 892.67 tunnellata piż nett mill-1.5 sal-	Eżenzjoni

			100 kg piż nett, li ma jkollux zokkor miżjud	mill-1.1 sal-31.12.2005 mill-1.1 sal-31.12.2006 mill-1.1 sal-31.12.2007 u għal kull perjodu minn hemm 'il quddiem mill-1.1 sal-31.12	31.12.2004 2 968 3 052 3 136	
09.1352	2204 21 10 ex 2204 21 79 ex 2204 21 80 ex 2204 21 83 ex 2204 21 84 ex 2204 21 94 ex 2204 21 98 ex 2204 21 99	 79, 80 79, 80 10, 79, 80 10, 79, 80 10, 30 10, 30 10	Inbid ta' għeneb frisk inklużi inbejjed imsaħħin f'kontenituri ta' 2 litri jew inqas	mill-1.1 sal-31.12.2004 mill-1.1 sal-31.12.2005 mill-1.1 sal-31.12.2006 mill-1.1 sal-31.12.2007 u għal kull perjodu minn hemm 'il quddiem mill-1.1 sal-31.12	3 718.3 hl + żjieda ta' 103 hl mill-1.5 sal-31.12.2004 3 985.6 hl 4 098.4 hl 4 211.2 hl	Eżenzjoni